MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 541/2010

**Trader Marine Yacht Services Limited**
**(C – 12599)**

**vs**

**Crusader International Limited**
**(C – 29835)**

Il-Qorti,

Illi a bazi tal-verbal datat it-8 ta’ Frar, 2012, din il-procedura hi f’dan l-istadju limitata ghas-sentenza rigwardanti t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta` ntimata (ara fol 113);

Illi f’dan ir-rigward, wara li s-socjeta` rikorrenti kkonfermat in sintesi s-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet giet inkarigata mis-socjeta` ntimata biex tiehu hsieb il-“*cabine cruisers*” “MY French Kiss” u “MY Is There” u wkoll biex tixtri apparat, thallas l-irmigg, stivar, magna, batterji u partijiet ta’ magna, u biex thallas ghax-xoghol tal-elettriku;

2. Illi ghal dan, is-socjeta` ntimata hi debitrici favur is-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf, u hamsa u hamsin Ewro u sitt centezmi, (€28,055.06);

3. Illi nonostante li kienet debitament interpellata, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti;

Talbet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata tigi dikjarata debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont indikat fil-paragrafu enumerat numru 2;

2. Illi konsegwentement is-socjeta` intimata tigi wkoll ikkundannata thallas l-ammont hekk likwidat;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess socjeta` ntimata kif mitluba fir-rikors promotur;

Ikkunsidrat:

Illi ai termini tat-tieni risposta sollevata mis-socjeta` ntimata din issostni fir-risposta taghha datata l-1 ta’ Lulju, 2010:

Illi l-procedura odjerna hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kap 16;

Rat il-verbal taghha diversament preseduta datat is-6 t’Ottubru, 2010, li permezz tieghu gie dekretat li l-partijiet kellhom iressqu l-provi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` ovvjament intimata, (ara fol 19);

Rat it-talba tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata datata t-2 ta’ Frar, 2011, li permezz taghha talbet

biex tipprezenta nota ta' referenzi rigwardanti t-tieni eccezzjoni minnha sollevata (ara fol 21);

Rat il-verbal taghha diversament preseduta wkoll tat-2 ta' Frar, 2011, li permezz tieghu il-kawza giet differita ghad-data hemm indikata ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni in dizamina, (ara fol 21);

Innotat minflok, li s-socjeta` ntimata pprezentat nota ta' sottomissjonijiet datata l-21 ta' Frar, 2011, (ara fol 23 – 25);

Innotat ukoll li s-socjeta` rikorrenti pprezentat nota responsiva ghall-istess nota tas-socjeta` ntimata datata l-24 ta' Frar, 2011;

Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Settembru, 2011, li permezz tieghu, wara talba appozita, awtorizzat lis-socjeta` ntimata tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri sad-data hemm indikata u lis-socjeta` rikorrenti biex tirrispondi, (ara fol 96);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet de quo datata l-14 ta' Dicembru, 2011, (ara fol 105);

Rat in-nota responsiva ulterjuri tas-socjeta` rikorrenti datata l-15 ta' Dicembru, 2011, (ara fol 107);

Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu din il-procedura thalliet ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjon kif fuq gia` ndikat;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rigward, (il-preskrizzjoni ta' tmintax –il xahar ghar-ragunijiet indikati fl-artikolu sollevat mis-socjeta` ntimata), l-istess socjeta` sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni odjerna hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16;

2. Illi l-azzjoni ndirizzata mis-socjeta` rikorrenti tirrigwarda l-allegati struzzjonijiet moghtija lis-socjeta` ntimata biex tixtri apparat tad-dghajjes, thallas pagamenti dovuti ghal irmigg u ghal stivar jew magazzinagg, xiri ta' magna, batteriji, paritjiet ta' magni u, biex thallas ukoll ghal xoghlijiet tal-elettriku;

3. Illi ai termini tal-artikolu tal-Kodici Civili fuq indikat hu stabbilit is-segwenti:

"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax –il xahar:

a. l-azzjonijiet … ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu";

4. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti hi proprju ghal dawn l-affarijiet hekk indikati fl-imsemmi artikolu hawn riprodott fl-essenzjalita` tieghu;

5. Illi di piu`, l-istess socjeta` rikorrenti tiggestixxi dawn l-istess servizzi ndikati fl-artikolu fuq riferit;

6. Illi ghalhekk ix-xoghlijiet riferiti mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur taghha jikklassifikaw ruhhom fl-imsemmi artikolu;

7. Illi fid-decizjonijiet citati mill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata hu rilevat li l-artikolu in dizamina jirriferixxi ghall-produzzjoni ta' beni fejn hi prevalenti l-hidma personali u professjonali ta' l-artiggjani hemm specifikati u dawk l-artefici l-ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika;

8. Illi l-fatturi pprezentati mis-socjeta` rikorrenti huma datati t-30 t'April, 2008, u jirriferixxu ghal xoghlijiet li saru fis-6 t'Ottubru, 2006 u ohra fl-2007, oltre fattura ohra

mibghuta fl-2010 li tirreferi ghal xoghol maghmul fl-2008, fejn is-socjeta` ntimata kienet biss ufficcjalment notifikata permezz t'ittra ufficcjali fis-7 t'Ottubru, 2009;

9. Illi l-procedura odjerna kienet intavolata fis-27 ta' Mejju, 2010;
10. Illi konsegwentement it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kollha jissuperaw il-perjodu ta' tmintax –il xahar u konsegwentement it-talbiet de quo huma preskritti;

Ikkunisdrat:

Illi l-parti rilevanti tar-risposta tas-socjeta` rikorrenti tista' tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

1. Illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata ghandha tigi respinta;

2. Illi in effetti tali eccezzjoni ma tistax tinghata fejn hemm kontro-talba;

3. Illi l-eccezzjoni ta' kompensazzjoni tikkostitwixxi rinunzja ghal din l-eccezzjoni in dizamina;

4. Illi l-artikolu 2148 tal-Kap 16 fuq citat ma japplikax ghal kaz odjern, stante li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma kienitx wahda bbazata fuq sengha jew arti mekkanika izda fuq diversi servizzi moghtija;

Ikkunsidrat:

Illi l-istess risposta giet respinta mis-socjeta` ntimata fis-sottomissjonijiet ulterjuri taghha stante li d-decizjoni hemm citata nsenjat li t-tpacija xxejjen il-preskrizzjoni billi ma jistax ikun hemm tali tpacija kemm –il darba l-kreditu mhux dovut ghax preskritt;

Illi in oltre, la l-legislatur ma mpona l-ebda limitu ghall-kontro-talba, tali limiti ma jistghux jigu mposti minn organi ohra tal-istat;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` rikorrenti rrispondiet li kontro-talba hi ammissibbli unikament meta tali talba:

i. tkun gejja mill-istess fatt, kuntratt jew titolu;

ii. ikollha l-iskop li tpaci l-kreditu mitlub mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi fir-risposti taghha s-socjeta` rikorrenti tittenta tisposta l-vertenza minn dik rigwardanti l-preskrizzjoni ghal dik rigwardanti l-kontro-talba;

Illi sakemm il-ligi tippermetti l-agir forensiku tal-partijiet l-ebda qorti m'ghandha dritt ticcensurah – sa kemm ovvjament dan mhux pozittivament preskritt statutorjament jew kontra l-ordni pubblika;

Illi f'dan il-kaz, dan ma jirrizultax;

Illi konsegwentement, stante li f'din il-fazi l-qorti de quo hi limitata mill-analizi tal-preskrizzjoni kif fuq sollevat, tiddikjara li hu d-dover taghha tezamina f'dan l-istedju, din l-eccezzjoni partikolari u xejn aktar;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatturi in dizamina jindirizzaw xoghlijiet ta' sengha jew ta' arti mekkanika, prezz t'opri, xoghlijiet taghhom jew materjal fornit marbut mis-socjeta` rikorrenti stess bid-data tat-30 t'April, 2008;

Illi l-procedura in dizamina giet intavolata fis-27 ta' Mejju, 2010;

Ikkunsidrat:

Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jinkwadraw perfettament fl-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16;

Ikkunsidrat:

Illi stabbilit is-segwenti:

1. Illi x-xoghlijiet u pagamenti dovuti jirrigwardaw dawk espressament indikati fl-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16;

2. Illi l-perjodu hemm stabbilit ta' tmintax –il xahar irrizulta li kien abbundantement superat;

Ghaldaqstant, in vista ta' premess, din il-qorti takkolji t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` ntimata, dik preliminari, ippernjata fuq l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16, u konsegwentement tiddikjara li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma preskritti bl-eghluq ta' tmintax –il xahar u konsegwentment tillibera lis-socjeta` ntimata Crusader International Limited mill-osservanza tal-gudizzju;

Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza fuq il-kontro-talba tal-istess socjeta` ntimata fuq indikata u tirriserva li tappunta l-istess ghall-provi wara li tisma' lill-partijiet fir-rigward.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------